# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta’ Marzu, 2001**

**Numru 69**

**Citaz. Nru. 513/98GV**

**Doc. Nru. 46-01**

**Deco Manufacturing Limited**

**vs**

**John Ripard & Son Limited u b’digriet tal-15.4.99 jizdied “bhala agenti tas-socjeta’ estera Bracchi International Service s.r.l.”**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha is-socjeta’ attrici ippremettiet illi s-socjeta’ konvenuta kienet obbligat ruhha biex tittrasporta merkanzija tas-socjeta’ attrici, minn Malta ghan-Norvegia, fit-tletin (30) ta’ Ottubru, 1997.

Premess illi s-socjeta’ konvenuta kienet obbligat ruhha illi tali merkanzija kellha tasal fin-Norvegia f’mhux aktar minn sbatax-il gurnata (17) mid-data tax-“shipment”.

Premess illi bhala fatt il-merkanzija wasslet fin-Norvegia tmienja u ghoxrin gurnata (28) wara d-data tax-“Shipment” u b’rizultat ta’ dan ir-ritard fil-konsenja min kellu jircievi l-merkanzija baghat lura parti mill-merkanzija.

Premess illi s-socjeta' attrici soffriet danni minhabba il-fatt illi s-socjeta' konvenuta naqqset milli tonora l-obbligi taghha.

Is-socjeta' attrici talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta unikament responsabbili ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici;

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici d-danni hekk likwidati - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tas-sittax (16) ta' Jannar, 1998, ghaxar liri (Lm10) tal-konsulta, kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' John Ripard & Son Limited a fol 7 fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament s-socjeta' konvenuta ma ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici ghaliex agixxiet bhala agent tas-socjeta' estera Bracchi International Service s.r.l. u ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghandha tigi liberata mid-domandi attrici.

2. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost s-socjeta' konvenuta qatt ma accettat u obbligat ruhha li tali merkanzija tasal fin-Norvegja f'mhux aktar tard minn sbatax-il gurnata mid-data tax-shipment.

3. Illi ghalhekk s-socjeta' konvenuta ma hiex responsabbli ghal xi danni li setghet soffriet is-socjeta' attrici.

4. Illi f'kull kaz jrid jigi ppruvat li s-socjeta' attrici sofriet danni minhabba l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset milli tonora l-obbligi u mhux minhabba fatti ohra.

5. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost ir-responsabilta' tas-socjeta' konvenuta hija limitata skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw:

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tiddikjara lis-socjeta' konvenuta unikament responsabbili ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici; tillikwida d-danni sofferti minnha; tikkundanna lill-konvenuti jhallsu d-danni hekk likwidati lis-socjeta' attrici.

**ECCEZZJONIJIET**

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti giet sorvolata bil-korrezzjoni awtorizzata a fol 11;

Il-konvenuti eccepew ukoll li s-socjeta' konvenuta qatt m'accettat u obbligat ruhha li tali merkanzija kellha tasal fin-Norvegja f'mhux aktar tard minn sbatax (17)-il gurnata mid-data tas-shipment;

mhux pruvat li s-socjeta' attrici sofriet danni minhabba l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset milli tonora l-obbligi u mhux minhabba fatti ohra;

Finalment ir-responsabilita' tas-socjeta' konvenuta hija limitata skond il-ligi.

**PROVI**

**George Mifsud,** direttur tas-socjeta' attrici, xehed li kienu ser jibghatu merkanzija lejn Norway li kienet urgenti. Kienu kellmu is-sur Buttigieg tas-socjeta' konvenuta u dana kien assigurahom li l-merkanzija kellha tasal fi zmien hmistax / sbatax (15/17)-il gurnata mis-shipment. Ghaddew sbatax (17)-il gurnata izda l-merkanzija ma waslitx. Kien kellem lil ta' Ripard u dawn qalulu li kellha tasal fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru izda lanqas waslet f'dik id-data u minflok waslet wara tmienja u ghoxrin (28) gurnata u mhux fi zmien sbatax (17)-il gurnata. (Dok DM1 fol 20) Il-klijenti ta' barra baghtulhom lura parti mill-merkanzija ghax ma riduhiex. Kellhu jhallas id-dazju biex il-merkanzija terga' tidhol lura Malta. Mhux il-merkanzija kollha giet lura Malta. Il-freight outgoing tal-merkanzija li baghtu ta xejn kienet erba' mija u sebgha u sittin liri Maltin (Lm 467) u incoming freight tlett mija u sitta u tletin liri Maltin (Lm 336). Huma kienu talbu d-danni minghand il-konvenuti Dok DM 2. Fol 21, pero' il-konvenuti ma hallsux. Hu setgha jibghat il-merkanzija bl-ajru kieku l-konvenuti m'assigurawhx li l-merkanzija setghet tasal fi zmien sbatax (17)-il gurnata. Lil Ripard hu ma hallashomx tal-freight. Hu qed jitlob tal-freight li kellu jaghti lil Ripard ghax invoicjawh tal-incoming freight u dazju. Huma kienu hallsu inqas tal-incoming freight ghax mhux il-merkanzija kollha giet ritornata.

**Lino Grech,** company secretary mas-socjeta' attrici, xehed li l-managing director kien baghat fax lill-konvenuti biex jinsisti fuq it-terminu li kellhom qabel baghtu l-merkanzija. Kien prezenti anke meta sar diskors f'dan is-sens fuq it-telefon.

**Michael Buttigieg**, sales manager mas-socjeta' konvenuta, xehed li l-atturi kienu ser jibghatu merkanzija Norway. Dina kienet part load ma' merkanzija ohra f'container. Ma kienx hemm l-ebda diskors dwar meta kellha tasal il-merkanzija. Dan jiddependi mill-load tat-trailer. It-trailer kien telaq Malta fit-tlieta (3) ta' Novembru u kellu jmur l-Italja imbaghad Norway. L-agenti ta' barra kienu qalulu li l-ewwel iridu jithallsu d-duties minghand il-klijent ghax ix-xoghol kien sal-warehouse taghhom. Ix-xoghol sakemm wasal hemm damm tlett gimghat. Il-klijent ta' Norway kellu jhallas id-duties lill-agent taghhom barra. S'issa ghadhom ma thallsux tax-xoghol.

Jekk ikun hemm groupage bhal f'dan il-kaz, it-trailer irid jieqaf. Lis-Sur Mifsud hu kien qallu li ser jibghat il-merkanzija bhala groupage, u li kien ser ikun hemm ghaxart ijiem li jibqa' l-Italja. Il-merkanzija tghabbiet fil-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru minn Malta u f'Novembru t'ghabba fuq il Freccia Blu ghal Genova. Hemm inhatt it-trailer id-depot taghhom. L-agent taghhom ghamel il-karti necessarji biex jibghathom Norway fejn waslu fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru. Hu ma kien ircieva ebda fax li semma L.Grech. Il-merkanzija waslet Norway fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru, 1997 u giet delivered lill klijenti fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru wara li giet cleared mill-customs. Skond id-dok JM1 fol 20 il-merkanzija waslet Oslo fl-erbatax (14) ta' Novembru imbaghad marret f'Tordem li huwa aktar fin-North u waslet hemm fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru. Huma ma jintrabtux fuq zmien ta' konsenja billi group container jista jkollu delay kullimkien. F'dan il-kaz ma kienx hemm delay bejn il-wiehed u ghoxrin (21) u l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru billi dan hu l-perijodu normali biex isir il-customs clearance.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fil-kaz in ezami l-atturi qed jitolbu d-danni minghand is-socjeta' konvenuta billi dina kienet obbligat ruhha li tittrasporta merkanzija lejn in-Norvegja u li kellha tasal f'mhux aktar tard minn sbatax (17)-il gurnata mid-data tas-shipment u

minflok il-merkanzija waslet wara tmienja u ghoxrin (28) gurnata u l-klijenti taghhom ma accettawx il-merkanzija.

Il-konvenuti qed jissottomettu li huma ma ntrabtu bl-ebda zmien billi l-merkanzija kienet parti minn group container u ghalhekk ma setghux jintrabtu bi zmien.

Il-kwistjoni hija wahda ta' kredibilita' bejn il-versjoni ta' George Mifsud u dika ta' Michael Buttigieg.

Buttigieg spjega ghaliex hu ma setghax iwieghed u jaghti assikurazzjoni li l-merkanzija kienet ser tasal mhux aktar tard minn hmistax / sbatax (15/17) il-gurnata mis-shipment. Hu qal li ma kien hemm ebda diskors dwar meta kellha tasal il-merkanzija ghax dina tiddependi mill-load li jkun hemm fil-container. Meta jkun hemm groupage container, bhal f'dan il-kaz, it-trailer irid jieqaf. Inoltre huma ma jistghux jintrabtu bi zmien ghax jista jkun hemm delay kullimkien. Buttigieg xehed li hu kien informa lil Mifsud li l-merkanzija kienet sejra bhala groupage u dan kien jafu wkoll Mifsud mill-merkanzija li baghat li ma kienitx waheda.

Il-merkanzija fil-fatt kienet tghabbiet minn Malta fil-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru, 1997 u fit-tlieta (3) ta' Novembru tghabbiet fuq il-vapur Freccia Blu. Il-merkanzija waslet Genova fejn dahlet fid-depot tal-agenti tal-konvenuti u saru l-karti necessarji biex tintbghat in-Norvegja. Il-merkanzija waslet Oslo fl-erbatax (14) ta' Novembru u Tordem fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru. Sakemm thallsu d-duties mill-klijent f'Norway u saret il-konsenja sar il-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru.

Il-konvenuti qed jissottomettu li, apparti li ma kienx hemm ftehim fuq zmien, lanqas ma kien hemm delay.

Lino Grech xehed li kienet intbghatet fax lil Ripard <u>qabel</u> intbaghtet il-merkanzija fejn insistew fuq it-terminu miftiehem, izda dina l-fax ma gietx prezentata fil-

proceduri u ghalhekk ma jistax jigi konfermat jekk kienx hemm ukoll prova bil-miktub dwar l-allegat ftehim bejn Mifsud u Buttigieg.

Dwar id-dokument GM2 a fol 21 hemm riferenza ghad-dewmien fl-ewwel paragrafu fejn jinghad:

We contracted you to ship to Norway a consignment of goods on 30th October, 1997. It was emphasized that the consignment should without fail reach Norway within maximum seventeen (17) days from shipment - a condition to which you agreed and a condition which was quite feasible since it has always been honoured in the past.
(sottolinear tal-Qorti).

Dan id-dokument inkiteb wara li l-merkanzija ma waslitx u wahdu minghajr il-konferma tal-fax fuq riferita ma jistax jkun prova konklussiva li kien hemm il-ftehim imsemmi minn Mifsud. Jidher li fil-passat kien hemm xi ftehim f'dana s-sens, imma ma giex pruvat li f'dana l-kaz partikolari kien sar ftehim specifiku iehor li l-merkanzija in kwistjoni kellha tasal f'xi zmien determinat.

Ghaldaqstant il-Qorti tikkonkludi li l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw li kien hemm il-ftehim imsemmi minnhom li jista jwassal biex il-konvenuti jkunu responsabbili ghad-danni reklamati mill-atturi.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tiddeciedi prevja li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-atturi.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**